TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 162/18/B

Fiona Bondin
Vs
OK Medical

Illum, 20 ta' Mejju, 2019

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fis-23 t' Ottubru 2018 li permezz tieghu talab rifuzjoni tal-prezz mhallas ghal hearing aid fl-ammont ta' tlett mitt Euro (€300);

Ra illi l-s-socjeta' intimata baqghet ma ntavolatx risposta bil-miktub ghal din it-talba minkejja illi gew debitament notifikati;

Ra l-Atti tal-process;

Semgha ix-xhieda;

Ra d-Dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

Illi r-rikorrenti xehdet quddiem dan it-Tribunal u spejgat illi hija ordnat hearing aid minghand is-socjeta intimata. Illi r-rikorrenti spejgat illi s-socjeta' initmata kienet ippromettiet lir-rikorrenti li jekk hija ma tkunx sodisfatta bl-istess hearing air huma jirrimborzawha l-flus lura. Illi r-rikorrenti xehdet illi kif waslet l-*hearing aid* hija ma sabitiex tajba peress illi sabitha issikata u ma setghetx tisma sew. Illi Dr. Nicholas Desira kien nforma lir-rikorrenti illi kien ser jordna *ear mould* ohra izda minkejja dan r-rikorrenti xorta wahda esperjenzat ugiegh u marret ghand is-socjeta' initmat sabiex tirritorna l-hearing aid lura. Illi s-socjeta' intimata rrifjutat li tirrifondi lir-rikorrenti u dan bil-premessa illi r-rikorrenti kellha tidhra l-*hearing aid* il-gdida.

Illi xehed Vince Bondin, r-ragel tar-rikorrenti li kkonferma illi s-socjeta intimata kienet ippromettiet illi jekk r-rikorrenti ma tkunx sodifatta bil-hearing aid huma jirrifondu l-flus

lura. Illi spjega ukoll r-rikorrenti marret diversi drabi ghand is-socjeta' intimata sabiex l-hearing aid titranga u dan peress li bdiet tweggaha u bdiet issaffar madankollu l-istess hearing aid baqghet qatt ma trangat tant illi r-rikorrenti kellha tuza l-hearing aid l-antika.

Illi t-Tribunal jikkunsidra opportun illi qabel xejn jaghmel referenza ghal Ligi Sussidjara 378.01 'Regoli Dwar It-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumaturi' u ghar-Regola 4.1 u 4.2 li taqra:

> *"4.1. L-intimat ghandu tmintax-il jum biex iwiegeb ghal talba li jibdew ghaddejjin mill-jum meta huwa jigi notifikat bl-Avviz tat- Talba. Jekk l-intimat jonqos milli jwiegeb, ir-rikorrent jista', skond ir-regola 6, jirrikorri lejn it-Tribunal sabiex tinhareg ordni ta' inadempjenza kontra l-intimat.*
>
> *4.2. Meta jkun qed iwiegeb l-intimat g]andu jimla Risposta ghal Talba (Formola 2) skond id-direzzjonijiet moghtija fuq il-formola. Ir-Risposta ghal Talba mbaghad tigi prezentata fir-Registru tat-Tribunal fejn ikun gie l-ewwel prezentat l-Avviz tat-Talba."*

Illi t-Tribunal jikkunsidra illi s-socjeta' intimata naqset milli tipprezenta r-Risposta bil-miktub taghha minkejja illi hija giet debitament notifikata. Illi l-istess socjeta' intimata nghatat diversi tentattivi sabiex tressaq l-provi taghha. Illi fis-seduta tat-18 ta' Frar 2018 rapprezentant tas-socjeta' intimata Peter Caruana deher ghas-seduta u talab sabiex jikkontesta t-Talba. Illi minkejja kull opportunita' moghtija mit-Tribunal, rapprezentanti tas-socjeta' intimata baqghu ma attendewx ghas-seduta tal-15 t'April 2018.

Illi t-Tribunal jikkunsidra illi mhux accettabli illi s-socjeta' initmata tipprometti lill-klijenti prospettivi taghha li jekk ma jsibux il-prodott tajjeb hija jirrifondi l-flus lura izda meta mitluba taghmel dan tichad l-istess talba minghajr ebda gustifikazzjoni valida. Illi di piu' hearing aid li giet akkwistata mir-rikorrenti hija prodott mediku necessarju sabiex itejjeb il-kwalita' tal-hajja tar-rikorrenti. Illi minkejja l-htiega ta' hearing aid gdida, r-rikorrenti spiccat kellha tuza' l-hearing aid l-antika u dan wara li l-istess hearing aid ordnata minghand is-socjeta' rikorrenti bdiet issaffar u tweggaha.

Illi dan it-Tribunal wara li sema' l-provi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti ma ghandhux dubju illi l-verzjoni tar-rikorrenti hija verosimili u ghalhekk haqqa tigi milqugha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati, billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett mitt Euro (€300) b'dana pero s-socjeta' intimata jkollha d-dritt wara l-hlas li terga tigbor *l-hearing aid* in kwistjoni.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra s-socjeta' intimata.

Avv. Paul Borg
Arbitru